II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DIRETTIVI

DIRETTIVA TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/177

tal-11 ta' Frar 2020

li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 68/193/KEE, 2002/55/KE, 2002/56/KE u 2002/57/KE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 93/49/KEE u 93/61/KEE u d-Direttivi ta' Implimentazzjoni 2014/21/UE u 2014/98/UE f'dak li għandu x'jaqsam mal-pesti tal-pjanti fuq iż-żrieragħ u fuq il-materjal riproduttiv tal-pjanti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti tal-għalf ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21a tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing taż-żerriegħa tal-ġwież ([2]), u b'mod partikulari l-Artikolu 21a tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 68/193/KEE tad-9 ta' April 1968 dwar il-marketing ta' materjal għall-propagazzjoni veġetattiva tad-dielja ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17a tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-marketing tal-materjali tal-propagazzjoni tal-pjanti ornamentali ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(5) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-marketing ta' żrieragħ tal-ħxejjex ([5]), u b'mod partikolari l-Artikolu 45 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq tal-patata taż-żerriegħa ([6]), u b'mod partikolari l-Artikoli 18(c) u 24 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-marketing taż-żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra ([7]), u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tagħha,

---

([1]) ĠU L 125, 11.7.1966, p. 2298.
([2]) ĠU L 125, 11.7.1966, p. 2309.
([3]) ĠU L 93, 17.4.1968, p. 15.
([4]) ĠU L 226, 13.8.1998, p. 16.
([5]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33.
([6]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 60.
([7]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74.

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2008/72/KE tal-15 ta' Lulju 2008 dwar it-tqegħid fis-suq ta' ħxejjex ta' propagazzjoni u materjal taż-żrigħ, barra ż-żerriegħa ([8]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2008/90/KE tad-29 ta' Settembru 2008 dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u tal-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott ([9]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]) se jibda japplika mill-14 ta' Diċembru 2019. Sabiex id-dispożizzjonijiet tiegħu jsiru kompletament effettivi, iridu jiġu adottati regoli ta' implimentazzjoni li jirregolaw il-pesti, il-pjanti, il-prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra, kif ukoll ir-rekwiżiti rispettivi li huma meħtieġa biex it-territorju tal-Unjoni jitħares mir-riskji fitosanitarji.

(2) Fid-dawl ta' dan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi biex jiġu elenkati l-pesti rregolati mhux ta' kwarantina fl-Unjoni ("RNQPs"), u jiġu stabbiliti wkoll miżuri li ma jippermettux il-preżenza tagħhom fuq il-pjanti għat-tħawwil.

(3) Il-pesti elenkati fil-Parti A tal-Anness I u fit-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE ([11]) ġew rivalutati mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-EFSA"), sabiex tiġi stabbilita lista ta' pesti ta' kwarantina fl-Unjoni skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/2031. Ir-rivalutazzjoni kienet meħtieġa biex jiġi aġġornat l-istatus fitosanitarju ta' dawk il-pesti skont l-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi l-aktar riċenti, kif ukoll biex tiġi vvalutata l-konformità tagħhom mal-kriterji tal-Artikolu 3 f'dak li għandu x'jaqsam mat-territorju tal-Unjoni, u ma' dawk tat-Taqsima 1 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament.

(4) L-Organizzazzjoni Ewropea u Mediterranja għall-Protezzjoni tal-Pjanti (l-OEPP) wettqet rivalutazzjoni tal-pesti elenkati fit-Taqsima II tal-Parti A tal-Anness II tad-Direttiva 2000/29/KE u rrivalutat l-għelejjel elenkati fil-punt 3 u l-pesti elenkati fil-punt 6 tal-Anness I tad-Direttiva 66/401/KEE, kif ukoll il-pesti elenkati fil-punt 3 tal-Anness II tad-Direttiva 66/402/KEE, fl-Anness I, u fil-punt 4 tal-Anness II tad-Direttiva 68/193/KEE, u l-pesti li hemm elenkati fl-atti li ġew adottati skont l-Artikolu 5(5) tad-Direttiva 98/56/KE, skont l-Anness II tad-Direttiva 2002/55/KE, skont l-Annessi I u II tad-Direttiva 2002/56/KE, kif ukoll il-pesti elenkati fl-atti adottati skont il-punt (c) tal-Artikolu 18 ta' dik id-Direttiva, skont il-punt 4 tal-Anness I u skont il-punt 5 tal-Parti I tal-Anness II tad-Direttiva 2002/57/KE, u skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/72/KE.

(5) Ir-riżultat ta' dik ir-rivalutazzjoni kien l-elenkar fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 ([12]) tal-RNQPs rilevanti, tal-pjanti għat-tħawwil rispettivi u tal-limiti massimi għall-preżenza tal-RNQPs fuq il-pjanti għat-tħawwil rispettivi. Barra minn hekk, il-miżuri li jipprevjenu l-preżenza tal-RNQPs huma stabbiliti fl-Anness V ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(6) Jixraq li d-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 68/193/KEE, 2002/55/KE, 2002/56/KE, 2002/57/KE, 93/49/KEE, 93/61/KEE u d-Direttivi ta' Implimentazzjoni 2014/21/UE u 2014/98/UE jipprevedu miżuri addizzjonali rigward l-RNQPs li huma rilevanti għall-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.

(7) Għaldaqstant jenħtieġ li dawk id-Direttivi jiġu aġġornati biex jiġu addattati jew jitħassru xi dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-pesti li jikkwalifikaw bħala RNQPs f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/2031.

([8]) ĠU L 205, 1.8.2008, p. 28.
([9]) ĠU L 267, 8.10.2008, p. 8.
([10]) Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4).
([11]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1).
([12]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1).

(8) Għall-finijiet taċ-ċarezza u l-addattament għall-qafas legali l-ġdid, jenħtieġ li jissemma f'dawk id-Direttivi li ż-żrieragħ jew kull materjal riproduttiv tal-pjanti ieħor, skont liema japplika, iridu jikkonformaw ukoll mar-rekwiżiti li jikkonċernaw il-pesti ta' kwarantina fl-Unjoni, il-pesti ta' kwarantina fiż-żoni protetti u l-pesti rregolati mhux ta' kwarantina stipulati fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 32(3), l-Artikolu 37(2), l-Artikolu 37(4), l-Artikolu 40(2), l-Artikolu 41(2), l-Artikolu 53(2), l-Artikolu 54(2), l-Artikolu 72(1), l-Artikolu 73, l-Artikolu 79(2) u l-Artikolu 80(2) tar-Regolament (UE) 2016/2031, kif ukoll mal-miżuri adottati skont l-Artikolu 30(1) ta' dak ir-Regolament. Dik l-indikazzjoni trid tiddaħħal ukoll fid-Direttiva 66/401/KEE, minkejja li ma hemmx aktar rekwiżiti stabbiliti għal RNQPs speċifiċi.

(9) Għall-finijiet tal-konsistenza u l-armonizzazzjoni tat-termini diversi li ntużaw jenħtieġ li jissemma f'dawk id-Direttivi li ż-żrieragħ jew il-materjal riproduttiv tal-pjanti l-ieħor, skont dak li japplika, iridu jkunu prattikament ħielsa minn kull pest li jnaqqas l-utilità u l-kwalità taż-żrieragħ jew tal-materjal riproduttiv tal-pjanti l-ieħor, skont liema japplika.

(10) B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġu aġġornati r-referenzi għall-pesti u għal-limiti massimi rispettivi fl-Annessi I u II tad-Direttiva 66/402/KEE biex tkun żgurata l-konsistenza mal-listi tal-RNQPs u l-limiti massimi rispettivi skont l-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.

(11) Jenħtieġ li tiġi aġġornata d-Direttiva 68/193/KEE biex tkun tinkludi rekwiżiti ġodda li jirriflettu l-iżvilupp fl-għarfien xjentifiku u fit-tekniki dwar il-produzzjoni tad-dielji, u biex tinkludi rekwiżiti ġodda bbażati fuq il-valutazzjoni tal-RNQPs mill-OEPP. Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti jissostitwixxu r-rekwiżiti tas-saħħa eżistenti għall-mixtliet, u jinkludu rekwiżiti għall-ħamrija u l-kundizzjonijiet ta' produzzjoni għall-mixtliet, rekwiżiti għas-siti tal-produzzjoni, għall-ispezzjonijiet, għal-listi tal-RNQPs u għall-miżuri rispettivi li ma jippermettux il-preżenza tagħhom. Għalhekk jenħtieġ li l-Annessi I u II ta' dik id-Direttiva jiġu emendati skont dan.

(12) Jenħtieġ li l-listi tal-RNQPs, tal-pesti u tal-pjanti li huma stabbiliti fl-Annessi tad-Direttivi 93/49/KEE u 93/61/KEE jiġu aġġornati u sostitwiti minn listi ġodda biex tkun żgurata l-konsistenza mal-RNQPs, il-pjanti għat-tħawwil u l-limiti massimi elenkati fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.

(13) Jenħtieġ li f'dawk id-Direttivi jiġi stabbilit ukoll li l-materjal tal-propagazzjoni rispettiv jenħtieġ li jkun, għallinqas meta jiġi spezzjonat b'mod viżiv fil-post tal-produzzjoni, prattikament ħieles mill-pesti kollha elenkati fl-Annessi rispettivi ta' dawk id-Direttivi rigward il-materjal tal-propagazzjoni rispettiv. Dan hu meħtieġ biex fil-livell tal-produzzjoni jkun żgurat approċċ li jkun inqas strett minn dak tar-rekwiżiti għall-materjal tal-propagazzjoni li jiġi kkummerċjalizzat.

(14) Jenħtieġ li l-lista tal-insetti stabbilita fil-punt 3(b) tal-Anness II tad-Direttiva 2002/55/KE tiġi sostitwita minn lista ġdida biex tkun żgurata l-konsistenza mal-RNQPs rispettivi, mal-pjanti għat-tħawwil u mal-limiti massimi elenkati fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.

(15) Jenħtieġ li l-pesti msemmijin fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2002/56/KE jiġu sostitwiti minn lista ġdida biex tkun żgurata l-konsistenza mal-RNQPs u l-limiti massimi rispettivi għall-patata taż-żrigħ bażika u għall-patata taż-żrigħ iċċertifikata elenkati fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.

(16) Jenħtieġ li jiġu emendati kif meħtieġ ir-referenzi fl-Anness tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2014/21/UE għall-pesti, għal-limiti massimi rispettivi u għal ċerti kundizzjonijiet għall-pjanti għat-tħawwil rispettivi.

(17) Jenħtieġ li l-pesti msemmijin fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2002/57/KE jiġu sostitwiti minn lista ġdida biex tkun żgurata l-konsistenza mal-RNQPs, mal-pjanti għat-tħawwil u mal-limiti massimi rispettivi elenkati fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.

(18) Il-valutazzjoni tal-OEPP ikkonkludiet ukoll li żewġ pesti li jinsabu fil-ħamrija, jiġifieri il-*Phialophora gregata* u l-*Phytophthora megasperma*, li jistgħu jiġu trażmessi mill-ħamrija għaż-żerriegħa tal-fażola tas-sojja ma għandhomx ikunu elenkati bħala RNQPs. Għalhekk il-materjal inerti ma għadux ta' riskju b'rabta ma' dawn il-pesti, u jenħtieġ li r-rekwiżit dwar il-materjal inerti għaż-żerriegħa tal-fażola tas-sojja jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva.

(19) Jenħtieġ ukoll li d-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2014/98/UE tiġi aġġornata biex tkun tinkludi rekwiżiti ġodda li jirriflettu l-iżviluppi fl-għarfien xjentifiku u tekniku dwar il-produzzjoni tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti u dwar il-pjanti tal-frott, u skont il-valutazzjoni tal-RNPQs mill-OEPP. Dak l-aġġornament jenħtieġ li jkun jinkludi r-rekwiżiti tas-saħħa eżistenti għall-kategoriji differenti tal-materjal tal-propagazzjoni u jinkorpora RNQPs ġodda, kif ukoll il-miżuri dwar dawk l-RNQPs, u jinkludi wkoll rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post tal-produzzjoni jew għaż-żona, għall-prevenzjoni tal-preżenza tal-RNQPs elenkati kollha fuq il-pjanti għat-tħawwil rispettivi.

(20) Meta ġiet adottata d-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2014/98/UE, ma kinitx teżisti distinzjoni ċara bejn il-materjal li jkun preżenti fis-siti tal-produzzjoni u l-materjal tal-propagazzjoni maħsub għall-kummerċjalizzazzjoni. Rigward ir-rekwiżiti tas-saħħa għall-kategoriji differenti tal-materjal tal-propagazzjoni fid-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2014/98/UE, jenħtieġ li ssir distinzjoni ċara bejn ir-rekwiżiti tas-saħħa għall-pjanti omm u għall-materjal tal-propagazzjoni li jinsabu fis-siti tal-produzzjoni, u l-materjal tal-propagazzjoni li jkun maħsub għall-kummerċjalizzazzjoni. Jenħtieġ li meta jiġi spezzjonat b'mod viżiv, il-materjal tal-propagazzjoni li jkun maħsub għall-kummerċjalizzazzjoni jkun ħieles mill-RNQPs kollha elenkati fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 għall-ġeneri u l-ispeċijiet rilevanti kkonċernati. Għaldaqstant, l-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 fih limitu massimu ta' tolleranza żero għall-RNQPs kollha. Il-pjanti omm u l-materjal tal-propagazzjoni tal-kategorija bażika, tal-kategorija ċċertifikata u tal-kategorija *Conformitas Agraria Communitatis* (CAC) li jinsabu fis-siti tal-produzzjoni jistgħu juru s-sintomi ta' ċerti RNQPs bil-kundizzjoni li jkunu twettqu ċerti miżuri fuq il-pjanti omm u l-materjal tal-propagazzjoni kkonċernati. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu t-tneħħija tal-pjanti omm u tal-materjal tal-propagazzjoni mill-inħawi ta' materjal tal-propagazzjoni ieħor tal-istess kategorija, jew il-qligħ mill-ħamrija tal-materjal, u fejn ikun jixraq, il-qerda tal-materjal ikkonċernat.

(21) Id-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2014/98/UE tirreferi għal-limiti massimi fl-Artikoli 10, 16, u 21, u fil-Parti B tal-Anness I tagħha, minħajr ebda referenza għal liema materjal japplikaw dawk il-limiti. Għall-fini taċ-ċarezza, l-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 fih limitu ta' tolleranza żero għall-RNQPs kollha fuq il-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u fuq il-pjanti tal-frott li jkunu maħsubin għall-kummerċjalizzazzjoni. Jenħtieġ li l-Artikoli 10, 16, u 21 tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2014/98/UE jiġu aġġornati kif meħtieġ f'konformità ma' dak l-approċċ, u l-limiti għall-RNQPs jenħtieġ li jitħassru mill-Parti B tal-Anness I.

(22) Jenħtieġ li jiddaħħlu RNQPs ġodda fl-Annessi I u II tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2014/98/UE, filwaqt li jiġu aġġornati ċerti ismijiet ta' speċijiet tal-frott fl-Anness III tagħha.

(23) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu aġġornati l-miżuri stabbiliti fl-Anness IV tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2014/98/UE skont il-valutazzjoni tal-OEPP.

(24) Jenħtieġ li din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, biex l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi professjonali jingħataw biżżejjed żmien biex jitħejjew għat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tagħha.

(25) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi professjonali jkollhom biżżejjed żmien biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li tibda tapplika mill-1 ta' Ġunju 2020.

(26) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emenda għad-Direttiva 66/401/KEE

L-Annessi I u II tad-Direttiva 66/401/KEE huma emendati kif stabbilit fl-Anness I ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

Emenda għad-Direttiva 66/402/KEE

L-Annessi I u II tad-Direttiva 66/402/KEE huma emendati kif stabbilit fl-Anness II ta' din id-Direttiva.

Artikolu 3

Emenda għad-Direttiva 68/193/KEE

L-Annessi I u II tad-Direttiva 68/193/KEE huma emendati kif stabbilit fl-Anness III ta' din id-Direttiva.

Artikolu 4

Emenda għad-Direttiva 93/49/KEE

Id-Direttiva 93/49/KEE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Il-materjal propagattiv tal-pjanti ornamentali fil-post tal-produzzjoni għandu jinsab prattikament ħieles mill-pesti kollha elenkati fl-Anness rigward il-materjal propagattiv tal-pjanti ornamentali rispettiv, għallinqas meta jiġi spezzjonat b'mod viżiv.

Il-preżenza ta' pesti rregolati mhux ta' kwarantina (RNQPs) fuq il-materjal propagattiv tal-pjanti ornamentali li jkunu għall-marketing ma għandhiex taqbeż il-limiti rispettivi stabbiliti fl-Anness, għallinqas meta jiġi spezzjonat b'mod viżiv.

Għallinqas meta jiġi spezzjonat b'mod viżiv, il-materjal propagattiv tal-pjanti ornamentali għandu jkun prattikament ħieles minn kull pest li jnaqqas is-siwi u l-kwalità ta' dak il-materjal, għajr il-pesti elenkati fl-Anness rigward il-materjal propagattiv partikolari tal-pjanti ornamentali.

Il-materjal għandu jikkonforma wkoll mar-rekwiżiti li jikkonċernaw il-pesti ta' kwarantina fl-Unjoni, il-pesti ta' kwarantina fiż-żoni protetti u l-RNQPs previsti fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/2031 (*), kif ukoll mal-miżuri adottati skont l-Artikolu 30(1) ta' dak ir-Regolament.;

(*) Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4).";

(2) Jitħassar l-Artikolu 3a;

(3) l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness IV ta' din id-Direttiva.

Artikolu 5

Emenda għad-Direttiva 93/61/KEE

Id-Direttiva 93/61/KEE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Il-materjal propagattiv u l-materjal għat-tħawwil tal-ħaxix fil-post tal-produzzjoni għandu jinsab prattikament ħieles mill-pesti kollha elenkati fl-Anness rigward il-materjal propagattiv rispettiv u l-materjal għat-tħawwil rispettiv, għallinqas meta jiġi spezzjonat b'mod viżiv.

Il-preżenza ta' pesti rregolati mhux ta' kwarantina (RNQPs) fuq il-materjal propagattiv tal-ħaxix u l-pjanti li jiġu kkummerċjalizzati ma għandhiex taqbeż il-limiti stabbiliti rispettivi stipulati fl-Anness, għallinqas meta dan jiġi spezzjonat b'mod viżiv.

Meta l-materjal propagattiv u l-materjal għat-tħawwil tal-ħaxix issirilhom spezzjoni viżiva, iridu jinsabu prattikament ħielsa minn kull pest li jnaqqas is-siwi u l-kwalità tagħhom, għajr il-pesti elenkati fl-Anness rigward il-materjal propagattiv tal-ħaxix u l-materjal għat-tħawwil rispettivi.

Il-materjal propagattiv tal-ħaxix u l-materjal għat-tħawwil għandhom jikkonformaw ukoll mar-rekwiżiti li jikkonċernaw il-pesti ta' kwarantina fl-Unjoni, il-pesti ta' kwarantina fiż-żoni protetti u l-pesti rregolati mhux ta' kwarantina previsti fir-Regolament (UE) 2016/2031 (*) u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont dak ir-Regolament, u mal-miżuri adottati skont l-Artikolu 30(1) ta' dak ir-Regolament.

(*) Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4).";

(2) l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness V ta' din id-Direttiva.

Artikolu 6

Emenda għad-Direttiva 2002/55/KE

L-Annessi I u II tad-Direttiva 2002/55/KE huma emendati kif stabbilit fl-Anness VI ta' din id-Direttiva.

Artikolu 7

Emenda għad-Direttiva 2002/56/KE

L-Annessi I u II tad-Direttiva 2002/56/KE huma sostitwiti bit-test fl-Anness VII ta' din id-Direttiva.

Artikolu 8

Emenda għad-Direttiva 2002/57/KE

L-Annessi I u II tad-Direttiva 2002/57/KE huma emendati kif stabbilit fl-Anness VIII ta' din id-Direttiva.

Artikolu 9

Emenda għad-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2014/21/UE

Id-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2014/21/UE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

Kundizzjonijiet minimi għall-patata taż-żrigħ prebażika

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-patata taż-żrigħ prebażika tissodisfa l-kundizzjonijiet minimi li ġejjin:

(a) hija dderivata minn pjanti omm li huma ħielsa mill-pesti li ġejjin: *Pectobacterium* spp., *Dickeya* spp., *Candidatus* Liberibacter *solanacearum*, *Candidatus* Phytoplasma *solani*, il-virojde tal-Potato spindle tuber, il-virus tal-Potato leaf roll, il-virus A tal-patata, il-virus M tal-patata, il-virus S tal-patata, il-virus X tal-patata, u l-virus Y tal-patata;

(b) l-għadd ta' xitel li ma jikbirx b'mod leali għall-varjetà, u l-għadd ta' xitel ta' varjetà diversa flimkien, ma għandux jaqbeż iż-0,01 %;

(c) l-għadd massimu ta' ġenerazzjonijiet fl-għelieqi għandu jkun erbgħa;

(d) Il-preżenza tal-RNQPs jew tas-sintomi li jikkawżaw l-RNQPs rispettivi fuq il-patata taż-żrigħ prebażika ma għandhiex taqbeż il-limiti massimi stabbiliti fit-tabella li ġejja:

L-RNQPs jew is-sintomi kkawżati mill-RNQPs	Il-limitu massimu stabbilit għall-preżenza tal-RNQPs fuq ix-xitel li qiegħed jikber tal-patata taż-żrigħ prebażika
Blackleg (*Dickeya* Samson *et al*. spp. [1DICKG]; *Pectobacterium* Waldee emend. Hauben *et al*. spp. [1PECBG])	0 %
Candidatus Liberibacter *solanacearum* Liefting *et al.* [LIBEPS]	0 %
Candidatus Phytoplasma *solani* Quaglino *et al*. [PHYPSO]	0 %
Is-intomi tal-mużajk kkawżati mill-viruses u is-sintomi kkawżati mill-virus tal-potato leafroll [PLRV00]	0,1 %
mill-virojde tal-potato spindle tuber [PSTVD0]	0 %

L-RNQPs jew is-sintomi kkawżati mill-RNQPs	Il-limitu stabbilit għall-preżenza tal-RNQPs fuq il-proġenija diretta tal-patata taż-żrigħ prebażika
Sintomi ta' infezzjoni b'virus	0,5 %

2. L-Istati Membri għandhom jistipulaw li l-patata taż-żrigħ prebażika tista' titqiegħed fis-suq bħala 'klassi tal-Unjoni PBTC' u 'klassi tal-Unjoni PB', skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness.

3. Għandha tiġi stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti tal-punti (b) u (d) tal-paragrafu 1 permezz ta' spezzjonijiet uffiċjali fuq il-post. F'każ ta' dubju, dawk l-ispezzjonijiet għandhom ikunu ssupplimentati b'testijiet uffiċjali fuq il-weraq.

Meta jintużaw metodi ta' mikropropagazzjoni, il-konformità mal-punt (a) tal-paragrafu 1 għandha tiġi stabbilita permezz ta' ttestjar uffiċjali, jew ittestjar taħt sorveljanza uffiċjali, tax-xitla omm.

Meta jintużaw metodi ta' selezzjoni klonali, il-konformità mal-punt (a) tal-paragrafu 1 għandha tiġi stabbilita permezz ta' ttestjar uffiċjali, jew ittestjar taħt sorveljanza uffiċjali, tal-istokk klonali."

(2) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 3

Kundizzjonijiet minimi għal-lottijiet tal-patata taż-żrigħ prebażika

L-Istati Membri għandhom jistipulaw li l-lottijiet tal-patata taż-żrigħ prebażika għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet minimi li ġejjin:

(a) il-preżenza ta' ħamrija u materjal estranju ma għandhiex taqbeż il-1,0 % tal-massa;

(b) l-għadd ta' patatiet affettwati minn taħsir, minbarra taħsir ċirkulari jew taħsir kannella, ma għandux ikun preżenti fi kwantità li taqbeż iż-0,2 % tal-massa;

(c) l-għadd ta' patatiet bi tbajja' esterni, inklużi t-tuberi sfurmati jew li jkollhom xi ħsara, ma għandux jaqbeż it-3,0 % tal-massa;

(d) l-għadd ta' patatiet affettwati mill-iskorċa komuni fuq aktar minn terz tal-wiċċ tagħhom, ma għandux jaqbeż il-5,0 % tal-massa;

(e) it-tuberi imkemxa minħabba deidratazzjoni eċċessiva jew deidratazzjoni kkawżata minn qxur tal-fidda, ma għandhomx jaqbżu ż-0,5 % tal-massa;

(f) il-lottijiet tal-patata taż-żrigħ prebażika għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin rigward il-preżenza tal-RNQPs, jew il-mard ikkawżat mill-RNQPs rispettivi kif stabbilit fit-tabella li ġejja:

L-RNQPs jew is-sintomi kkawżati mill-RNQPs	Il-limitu massimu stabbilit għall-preżenza tal-RNQPs fuq il-lottijiet tal-patata taż-żrigħ prebażika
Candidatus Liberibacter *solanacearum* Liefting *et al.* [LIBEPS]	0 %
Ditylenchus destructor Thorne [DITYDE]	0 %
Qxur iswed li jaffettwa t-tuberi fuq aktar minn 10 % tal-wiċċ tagħhom ikkawżat minn *Thanatephorus cucumeris* (A.B. Frank) Donk [RHIZSO]	1,0 %
Il-ġidri rmiedi li jaffettwa t-tuberi fuq aktar minn 10 % tal-wiċċ tagħhom ikkawżat minn *Spongospora subterranea* (Wallr.) Lagerh. [SPONSU]	1,0 %

(g) l-għadd totali tal-patatiet, kif imsemmijin fil-punti minn (b) sa (f), ma għandux jaqbeż is-6,0 % tal-massa."

(3) L-Anness huwa sostitwit kif stipulat fl-Anness IX ta' din id-Direttiva.

Artikolu 10

Emenda għad-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2014/98/UE

Id-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2014/98/UE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 10*

Rekwiżiti tas-saħħa għall-pjanti omm prebażiċi u għall-materjal prebażiku

1. Meta jsiru spezzjonijiet viżwali fil-faċilitajiet, fl-għelieqi u fil-biċċiet ta' art, il-pjanti omm prebażiċi jew il-materjal prebażiku għandhom jinsabu ħielsa mill-pesti rregolati mhux ta' kwarantina (RNQPs) elenkati fl-Annessi I u II u soġġett għar-rekwiżiti tal-Anness IV, skont kif jixraq għall-ġeneru jew l-ispeċi kkonċernata. Din l-ispezzjoni viżwali għandha titwettaq mill-korp uffiċjali responsabbli, u fejn xieraq, mill-fornitur.

Il-korp uffiċjali responsabbli u, meta jixraq, il-fornitur, għandhom iwettqu spezzjoni viżwali u l-ikkampjunar u l-ittestjar tal-pjanta omm prebażika jew tal-materjal prebażiku għall-RNQPs elenkati fl-Anness II u soġġett għar-rekwiżiti tal-Anness IV skont kif jixraq għall-ġeneru jew l-ispeċi u l-kategorija kkonċernati.

Jekk ikun hemm suspett tal-preżenza ta' xi RNQPs elenkati fl-Anness I, il-korp uffiċjali responsabbli u, meta jixraq, il-fornitur, għandu jwettaq l-ikkampjunar u l-ittestjar tal-pjanta omm prebażika jew tal-materjal prebażiku kkonċernat.

2. Rigward l-ikkampjunar u l-ittestjar, kif previst fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-protokolli tal-EPPO, jew protokolli oħra li huma rikonoxxuti f'livell internazzjonali. F'każ li dawn il-protokolli ma jkunux jeżistu, il-korp uffiċjali responsabbli għandu japplika l-protokolli rilevanti stabbiliti fil-livell nazzjonali. F'dak il-każ, jekk jintalbu, l-Istati Membri għandhom iqiegħdu dawk il-protokolli għad-disponibbiltà tal-Istati Membri l-oħra u tal-Kummissjoni.

Il-korp uffiċjali responsabbli u, meta jixraq, il-fornitur għandhom jippreżentaw il-kampjuni lil laboratorji li huma aċċettati b'mod uffiċjali mill-korp uffiċjali responsabbli.

3. Jekk ikun hemm riżultat ta' test pożittiv għal xi RNQPs elenkati fl-Annessi I u II, rigward il-ġeneru jew l-ispeċi kkonċernati, il-fornitur għandu jneħħi l-pjanta omm prebażika jew il-materjal prebażiku infestati mill-inħawi tal-pjanti omm prebażiċi u tal-materjal prebażiku l-oħrajn skont l-Artikolu 3(3) jew l-Artikolu 4(3), jew jieħu l-miżuri xierqa skont l-Anness IV.

4. Il-miżuri li jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti tal-paragrafu 1 huma stabbiliti fl-Anness IV, skont il-ġeneru jew l-ispeċi u l-kategorija kkonċernati.

5. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-pjanti omm prebażiċi u għall-materjal prebażiku waqt il-krijopreżervazzjoni.";

(2) it-titolu tal-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Rekwiżiti għall-ħamrija tal-pjanti omm prebażiċi u tal-materjal prebażiku";

(3) L-Artikolu 16 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 16

Rekwiżiti dwar is-saħħa għall-pjanti omm bażiċi u għall-materjal bażiku

1. L-ispezzjonijiet viżwali fil-faċilitajiet, fl-għelieqi u fil-biċċiet ta' art, għandhom isibu l-pjanti omm bażiċi jew il-materjal bażiku kkonċernati ħielsa mill-RNQPs elenkati fl-Annessi I u II, u soġġett għar-rekwiżiti tal-Anness IV, skont kif jixraq għall-ġeneru jew għall-ispeċi kkonċernata. Din l-ispezzjoni viżwali għandha titwettaq mill-korp uffiċjali responsabbli, u fejn xieraq, mill-fornitur.

Il-korp uffiċjali responsabbli u, meta jixraq, il-fornitur, għandhom iwettqu l-ikkampjunar u l-ittestjar tal-pjanta omm bażika jew tal-materjal bażiku għall-RNQPs elenkati fl-Anness II, u soġġett għar-rekwiżiti tal-Anness IV, skont kif jixraq għall-ġeneru jew l-ispeċi u l-kategorija kkonċernati.

F'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I, il-korp uffiċjali responsabbli, u fejn xieraq, il-fornitur, għandhom iwettqu l-ikkampjunar u l-ittestjar tal-pjanta omm bażika jew tal-materjal bażiku kkonċernat.

2. Rigward l-ikkampjunar u l-ittestjar, kif previst fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-protokolli tal-EPPO, jew protokolli oħra li huma rikonoxxuti f'livell internazzjonali. F'każ li dawn il-protokolli ma jkunux jeżistu, il-korp uffiċjali responsabbli għandu japplika l-protokolli rilevanti stabbiliti fil-livell nazzjonali. F'dak il-każ, jekk jintalbu, l-Istati Membri għandhom iqiegħdu dawk il-protokolli għad-disponibbiltà tal-Istati Membri l-oħra u tal-Kummissjoni.

Il-korp uffiċjali responsabbli, u meta jixraq, il-fornitur, għandhom jippreżentaw il-kampjuni lil-laboratorji li huma aċċettati uffiċjalment mill-korp uffiċjali responsabbli.

3. Jekk ikun hemm riżultat ta' test pożittiv għal xi RNQPs elenkati fl-Annessi I u II, rigward il-ġeneru jew l-ispeċi kkonċernati, il-fornitur għandu jneħħi l-pjanta omm prebażika jew il-materjal prebażiku infestati mill-inħawi tal-pjanti omm prebażiċi u tal-materjal prebażiku l-oħrajn skont l-Artikolu 15(7) jew l-Artikolu 15(8), jew jieħu l-miżuri xierqa skont l-Anness IV.

4. Il-miżuri li jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti tal-paragrafu 1 huma stabbiliti fl-Anness IV, skont il-ġeneru jew l-ispeċi u l-kategorija kkonċernati.

5. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-pjanti omm bażiċi u għall-materjal bażiku waqt il-krijopreżervazzjoni.";

(4) it-titolu tal-Artikolu 17 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Rekwiżiti għall-ħamrija tal-pjanti omm bażiċi u tal-materjal bażiku**";

(5) L-Artikolu 21 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 21*

Rekwiżiti dwar is-saħħa għall-pjanti omm iċċertifikati u għall-materjal iċċertifikat

1. L-ispezzjonijiet viżwali fil-faċilitajiet, fl-għelieqi u fil-biċċiet ta' art, għandhom isibu l-pjanti omm iċċertifikati jew il-materjal iċċertifikat ħielsa mill-RNQPs elenkati fl-Annessi I u II, u soġġett għar-rekwiżiti tal-Anness IV, skont kif jixraq għall-ġeneru jew għall-ispeċi kkonċernata. Din l-ispezzjoni viżwali għandha titwettaq mill-korp uffiċjali responsabbli, u fejn xieraq, mill-fornitur.

Il-korp uffiċjali responsabbli u, meta jixraq, il-fornitur, għandhom iwettqu l-ikkampjunar u l-ittestjar tal-pjanta omm iċċertifikata jew tal-materjal iċċertifikat għall-RNQPs elenkati fl-Anness II, u soġġett għar-rekwiżiti tal-Anness IV, skont kif jixraq għall-ġeneru jew l-ispeċi u l-kategorija kkonċernati.

F'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I, il-korp uffiċjali responsabbli, u meta jixraq, il-fornitur, għandhom iwettqu l-ikkampjunar u l-ittestjar tal-pjanti omm iċċertifikati jew tal-materjal prebażiku ċċertifikat.

2. Rigward il-kampjunar u l-ittestjar, kif previst fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-protokolli tal-OEPP, jew protokolli oħra li huma rikonoxxuti f'livell internazzjonali. F'każ li dawn il-protokolli ma jkunux jeżistu, il-korp uffiċjali responsabbli għandu japplika l-protokolli rilevanti stabbiliti fil-livell nazzjonali. F'dak il-każ, jekk jintalbu, l-Istati Membri għandhom iqiegħdu dawk il-protokolli għad-disponibbiltà tal-Istati Membri l-oħra u għall-Kummissjoni.

Il-korp uffiċjali responsabbli, u meta jixraq, il-fornitur, għandhom jippreżentaw il-kampjuni lil-laboratorji li huma aċċettati uffiċjalment mill-korp uffiċjali responsabbli.

3. Jekk ikun hemm riżultat ta' test pożittiv għal xi RNQPs elenkati fl-Annessi I u II, rigward il-ġeneru jew l-ispeċi kkonċernati, il-fornitur għandu jneħħi l-pjanta omm iċċertifikata jew il-materjal iċċertifikat infestati mill-inħawi tal-pjanti omm iċċertifikati l-oħrajn u tal-materjal iċċertifikat l-ieħor skont l-Artikolu 20(7) jew l-Artikolu 20(8), jew jieħdu l-miżuri xierqa skont l-Anness IV.

4. Il-miżuri li jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti tal-paragrafu 1 huma stabbiliti fl-Anness IV, skont il-ġeneru jew l-ispeċi u l-kategorija kkonċernati.

5. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-pjanti omm iċċertifikati u għall-materjal iċċertifikat waqt il-krijopreżervazzjoni.";

(6) it-titolu tal-Artikolu 22 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Rekwiżiti għall-ħamrija tal-pjanti omm iċċertifikati u tal-materjal iċċertifikat**";

(7) it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 22(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, l-ikkampjunar u l-ittestjar ma għandhomx jitwettqu fil-każ ta' pjanti tal-frott iċċertifikati.";

(8) L-Artikolu 26 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 26*

Rekwiżiti dwar is-saħħa għall-materjal CAC

1. Meta l-fornitur iwettaq l-ispezzjonijiet viżwali fil-faċilitajiet, fl-għelieqi u fuq il-biċċiet ta' art, skont kif xieraq għall-ġeneru jew l-ispeċi kkonċernata, il-materjal CAC għandu jkun prattikament ħieles mill-pesti elenkati fl-Annessi I u II, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fl-Anness IV.

Il-fornitur għandu jwettaq l-ikkampjunar u l-ittestjar tas-sors identifikat tal-materjal jew tal-materjal CAC għall-RNQPs elenkati fl-Anness II u soġġett għar-rekwiżiti tal-Anness IV, skont kif jixraq għall-ġeneru jew l-ispeċi u l-kategorija kkonċernati.

F'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I, il-fornitur, għandu jwettaq l-ikkampjunar u l-ittestjar tas-sors identifikat tal-materjal jew tal-materjal CAC ikkonċernat.

Wara l-istadju tal-produzzjoni, il-lottijiet tal-materjal tal-propagazzjoni CAC u tal-pjanti tal-frott CAC għandhom jiġu kkummerċjalizzati biss jekk waqt spezzjoni viżwali li jwettaq il-fornitur jinsab li jkunu ħielsa minn kull sinjal jew sintomu tal-pesti elenkati fl-Annessi I u II.

Il-fornitur għandu jwettaq il-miżuri biex jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti tal-paragrafu 1 skont l-Anness IV, skont kif xieraq għall-ġeneru jew l-ispeċi u l-kategorija kkonċernati.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-materjal CAC waqt il-krijopreżervazzjoni.";

(9) jiddaħħal l-Artikolu 27 a:

"*Artikolu 27 a*

Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post tal-produzzjoni jew għaż-żona

Minbarra r-rekwiżiti dwar is-saħħa u l-ħamrija tal-Artikoli 9, 10, 11, 16, 17, 21, 22 u 26, il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott għandhom jiġu prodotti skont ir-rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post tal-produzzjoni, jew għaż-żona kif stabbilit fl-Anness IV, biex tiġi limitata l-preżenza tal-RNQPs elenkati f'dak l-Anness għall-ġeneru jew għall-ispeċi kkonċernati.";

(10) L-Annessi I sa IV huma sostitwiti bit-test fl-Anness X ta' din id-Direttiva.

Artikolu 11

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2020. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw it-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva lill-Kummissjoni.

Artikolu 12

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 13

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Frar 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Emenda għad-Direttiva 66/401/KEE

Id-Direttiva 66/401/KEE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Anness I, il-punt 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-uċuħ tar-raba' għandhom ikunu prattikament ħielsa minn kull pest li jnaqqas l-utilità u l-kwalità taż-żerriegħa.

L-uċuħ tar-raba' għandhom jikkonformaw ukoll mar-rekwiżiti li jikkonċernaw il-pesti ta' kwarantina fl-Unjoni, il-pesti ta' kwarantina f'żona protetta u l-pesti rregolati mhux ta' kwarantina ('RNQPs') previsti fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/2031 (*), u mal-miżuri adottati skont l-Artikolu 30(1) ta' dak ir-Regolament;

Il-preżenza tal-RNQPs fuq il-wiċċ tar-raba' u fuq il-kategoriji rispettivi għandha tkun konformi mar-rekwiżiti li ġejjin kif stabbilit fit-tabella:

RNQPs jew sintomi kkawżati minn RNQPs	Pjanti għat-tħawwil (ġeneru jew speċi)	Limiti stabbiliti għall-produzzjoni taż-żerriegħa prebażika	Limiti stabbiliti għall-produzzjoni taż-żerriegħa bażika	Limiti stabbiliti għall-produzzjoni taż-żerriegħa ċċertifikata
Clavibacter michiganensis ssp. *insidiosus* (McCulloch 1925) Davis *et al.* [CORBIN]	*Medicago sativa* L.	0 %	0 %	0 %
Ditylenchus dipsaci (Kuehn) Filipjev [DITYDI]	*Medicago sativa* L.	0 %	0 %	0 %

(*) Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.2016, p 4)."

(2) fl-Anness II (I), il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Iż-żerriegħa għandha tkun prattikament ħielsa minn kull pest li jnaqqas l-utilità u l-kwalità taż-żerriegħa.

Iż-żerriegħa għandha tikkonforma wkoll mar-rekwiżiti li jikkonċernaw il-pesti ta' kwarantina fl-Unjoni, il-pesti ta' kwarantina f'żona protetta u l-RNQPs previsti fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/2031, kif ukoll mal-miżuri adottati skont l-Artikolu 30(1) ta' dak ir-Regolament.

Il-preżenza tal-RNQPs fuq iż-żrieragħ u fuq il-kategoriji rispettivi għandha tkun konformi mar-rekwiżiti li ġejjin kif stabbilit fit-tabella:

RNQPs jew sintomi kkawżati minn RNQPs	Pjanti għat-tħawwil (ġeneru jew speċi)	Limiti stabbiliti għaż-żerriegħa prebażika	Limiti stabbiliti għaż-żerriegħa bażika	Limiti stabbiliti għaż-żerriegħa ċċertifikata
Clavibacter michiganensis ssp. *Insidiosus* (McCulloch 1925) Davis *et al.* [CORBIN]	*Medicago sativa* L.	0 %	0 %	0 %
Ditylenchus dipsaci (Kuehn) Filipjev [DITYDI]	*Medicago sativa* L.	0 %	0 %	0 %"

ANNESS II

Emenda għad-Direttiva 66/402/KEE

Id-Direttiva 66/402/KEE hija emendata kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) il-Parti A tal-punt 3 hija sostitwita b'dan li ġej:

"A. ***Oryza sativa:***

L-għadd ta' pjanti li jingħarfu li ovvjament huma pjanti selvaġġi jew pjanti tal-qmugħ ħomor ma għandhomx jaqbżu:

— iż-0 għall-produzzjoni taż-żerriegħa bażika,

— il-1 għal kull 100 m^2 għall-produzzjoni taż-żerriegħa ċċertifikata, tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni.";

(b) il-punt 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-uċuħ tar-raba' għandhom ikunu prattikament ħielsa minn kull pest li jnaqqas l-utilità u l-kwalità taż-żerriegħa.

L-uċuħ tar-raba' għandhom jikkonformaw ukoll mar-rekwiżiti li jikkonċernaw il-pesti ta' kwarantina fl-Unjoni, il-pesti ta' kwarantina f'żona protetta u l-pesti rregolati mhux ta' kwarantina ('RNQPs') previsti fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/2031 (*), kif ukoll il-miżuri adottati skont l-Artikolu 30(1) ta' dak ir-Regolament.

Il-preżenza tal-RNQPs fuq l-uċuħ tar-raba' għandha tkun konformi mar-rekwiżiti li ġejjin kif stabbilit fit-tabella:

Fungi u oomiċeti

RNQPs jew sintomi kkawżati mill-RNQPs	Pjanti għat-thawwili (ġenerui jew speċi)	Limiti stabbiliti għall-produzzjoni taż-żerriegħa prebażika	Limiti stabbiliti għall-produzzjoni taż-żerriegħa bażika	Limiti stabbiliti għall-produzzjoni taż-żerriegħa ċċertifikata
Gibberella fujikuroi Sawada [GIBBFU]	*Oryza sativa* L.	Mhux aktar minn żewġ pjanti sintomatiċi għal kull 200 m^2 osservati matul l-ispezzjonijiet fuq il-post f'ħinijiet xierqa ta' kampjun rappreżentattiv tal-pjanti f'kull wiċċ tar-raba'.	Mhux aktar minn żewġ pjanti sintomatiċi għal kull 200 m^2 osservati waqt spezzjonijiet fuq il-post ta' kampjun rappreżentattiv tal-pjanti f'kull wiċċ tar-raba' f'perjodi xierqa.	Żerriegħa ċċertifikata tal-ewwel ġenerazzjoni (C1): Mhux aktar minn erba'pjanti sintomatiċi għal kull 200 m^2 osservati waqt spezzjonijiet fuq il-post ta' kampjun rappreżentattiv tal-pjanti f'kull wiċċ tar-raba' f'perjodi xierqa. Żerriegħa ċċertifikata tat-tieni ġenerazzjoni (C2): Mhux aktar minn tmien pjanti sintomatiċi għal kull 200 m^2 osservati waqt spezzjonijiet fuq il-post ta' kampjun rappreżentattiv tal-pjanti f'kull wiċċ tar-raba' f'perjodi xierqa.

Nematodi				
RNQPs jew sintomi kkawżati mill-RNQPs	Pjanti għat-tħawwil (ġeneru jew speċi)	Limiti stabbiliti għall-produzzjoni taż-żerriegħa prebażika	Limiti stabbiliti għall-produzzjoni taż-żerriegħa bażika	Limiti stabbiliti għall-produzzjoni taż-żerriegħa ċċertifikata
Aphelenchoides esseyi Christie [APLOBE]	*Oryza sativa* L.	0 %	0 %	0 %

(*) Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.2016, p 4)."

(2) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Iż-żerriegħa għandha tkun prattikament ħielsa minn kull pest li jnaqqas l-utilità u l-kwalità taż-żerriegħa.

Iż-żerriegħa għandha tikkonforma wkoll mar-rekwiżiti li jikkonċernaw il-pesti ta' kwarantina fl-Unjoni, il-pesti ta' kwarantina f'żona protetta u l-RNQPs previsti fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/2031, kif ukoll mal-miżuri adottati skont l-Artikolu 30(1) ta' dak ir-Regolament.

Il-preżenza tal-RNQPs fuq iż-żrieragħ u fuq il-kategoriji rispettivi għandha tkun konformi mar-rekwiżiti li ġejjin kif stabbilit fit-tabella:

Nematodi				
RNQPs jew sintomi kkawżati mill-RNQPs	Pjanti għat-tħawwil (ġeneru jew speċi)	Limiti stabbiliti għaż-żerriegħa prebażika	Limiti stabbiliti għaż-żerriegħa bażika	Limiti stabbiliti għaż-żerriegħa ċċertifikata
Aphelenchoides besseyi Christie [APLOBE]	*Oryza sativa* L.	0 %	0 %	0 %
Fungi				
Gibberella fujikuroi Sawada [GIBBFU]	*Oryza sativa* L.	Prattikament ħielsa	Prattikament ħielsa	Prattikament ħielsa"

(b) jiżdied il-punt 4 li ġej:

"4. Il-preżenza tal-korpi tal-fungi fuq iż-żrieragħ u fuq il-kategoriji rispettivi għandha tkun konformi mar-rekwiżiti li ġejjin kif stabbilit fit-tabella:

Kategorija	L-għadd massimu ta' korpi tal-fungi, bħal skleroti, jew ergotini, f'kampjun tal-piż speċifikat fil-kolonna 3 tal-Anness III
Ċereali apparti l-ibridi tas-*Secale cereale*:	
— Żerriegħa bażika	1
— Żerriegħa ċċertifikata	3
Ibridi tas-*Secale cereale*:	
— Żerriegħa bażika	1
— Żerriegħa ċċertifikata	4 (*)

(*) Il-preżenza ta' ħames korpi ta' fungu bħal skleroti jew frammenti ta' skleroti, jew ergotini f'kampjun ta' piż preskritt għandha titqies bħala konformi mal-istandards, fil-każ li t-tieni kampjun bl-istess piż ma' jkollux aktar minn erba' korpi ta' fungi."

ANNESS III

Emenda għad-Direttiva 68/193/KEE

Id-Direttiva 68/193/KEE hija emendata kif ġej:

(1) L-Anness I huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS I

KUNDIZZJONIJIET RELATATI MAL-UĊUH TAR-RABA' LI QED JIKBRU

Taqsima 1: Identità, purità u kundizzjonijiet kulturali

1. Il-wiċċ tar-raba' li jkun qed jikber għandu jkollu identità u purità varjetali u, jekk jenħtieġ, klonali.

2. Il-kundizzjonijiet tat-tkattir u l-livell tal-iżvilupp tal-prodotti li jkunu qed jikbru għandhom ikunu tali li jippermettu biżżejjed verifiki tal-identità u l-purità tal-uċuħ tar-raba' li jkunu qed jikbru fir-rigward tal-varjetà u, jekk meħtieġ, il-klonu, kif ukoll l-istat sanitarju tagħhom.

Taqsima 2: Rekwiżiti dwar is-saħħa għal mixtliet tal-ħażna maħsub għall-produzzjoni tal-kategoriji kollha ta' materjal ta' propagazzjoni, u għal mixtliet tal-qatgħat tal-kategoriji kollha

1. Din it-Taqsima għandha tapplika għall-mixtliet tal-ħażna maħsuba għall-produzzjoni ta' kull kategorija ta' materjal ta' propagazzjoni, u għall-mixtliet tal-qatgħat ta' dawk il-kategoriji kollha.

2. Waqt spezzjoni viżwali, il-mixtliet tal-ħażna u l-mixtliet tal-qatgħat għandhom jinstabu ħielsa mill-pesti regolati mhux ta' kwarantina (RNQPs) elenkati fit-Taqsimiet 6 u 7, fir-rigward tal-ġeneri u tal-ispeċi kkonċernati.

   Għandhom jittieħdu kampjuni mill-mixtliet tal-ħażna u mill-mixtliet tal-qatgħat u jiġu ttestjati għall-RNQPs elenkati fit-Taqsima 7, fir-rigward tal-ġeneru jew tal-ispeċi kkonċernati. F'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fit-Taqsimiet 6 u 7 fir-rigward tal-ġeneru jew l-ispeċi kkonċernati għandhom jittieħdu l-kampjuni mill-mixtliet tal-ħażna u mill-mixtliet tal-qatgħat u għandhom jiġu ttestjati.

3. L-ispezzjonijiet viżwali u, fejn xieraq, l-ikkampjunar u l-ittestjar tal-mixtliet tal-ħażna u tal-mixtliet tal-qatgħat kkonċernati għandhom jitwettqu skont it-Taqsima 8.

4. Kif previst fil-punt 2, l-ikkampjunar u l-ittestjar għandhom isiru fl-iktar perjodu xieraq tas-sena, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet klimatiċi u l-kundizzjonijiet tat-tkabbir tad-dielja, kif ukoll il-bijoloġija tal-RNQPs rilevanti għal dik il-dielja.

   Fir-rigward tal-ikkampjunar u tal-ittestjar, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-protokolli tal-Organizzazzjoni Ewropea u Mediterranja għall-Protezzjoni tal-Pjanti (EPPO), jew protokolli oħra li huma rikonoxxuti internazzjonalment. F'każ li dawn il-protokolli ma jeżistux, għandhom jiġu applikati l-protokolli rilevanti stabbiliti fil-livell nazzjonali. F'dak il-każ, l-Istati Membri għandhom, fuq talba, iqiegħdu lil dawk il-protokolli għad-disponibbiltà tal-Istati Membri l-oħra u tal-Kummissjoni.

   Fir-rigward tal-ikkampjunar u l-ittestjar tad-dwieli fil-mixtliet tal-ħażna maħsuba għall-produzzjoni ta' materjal ta' propagazzjoni inizjali, l-Istati Membri għandhom japplikaw indiċjar bijoloġiku fuq il-pjanti indikaturi biex jivvalutaw il-preżenza ta' viruses, virojdi, mard li jixbaħ virus u fitoplażmi, jew protokolli ekwivalenti oħra li huma rikonoxxuti fuq livell internazzjonali.

Taqsima 3: Rekwiżiti għall-ħamrija u l-kundizzjonijiet ta' produzzjoni għall-mixtliet tal-ħażna maħsuba għall-produzzjoni tal-kategoriji kollha tal-materjal ta' propagazzjoni, u għall-mixtliet tal-qatgħat ta' kull kategorija tal-materjal ta' propagazzjoni

1. Id-dwieli f'mixtliet tal-ħażna u mixtliet tal-qatgħat jistgħu jitħawlu fil-ħamrija biss jew, fejn xieraq, fi qsari f'materjal għat-tkabbir, ħielsa minn kull pest li jista' jospita l-viruses elenkati fit-Taqsima 7. Il-ħelsien minn dawn il-pesti għandu jiġi stabbilit permezz tal-ikkampjunar u tal-ittestjar.

L-ikkampjunar u l-ittestjar għandhom jitwettqu billi jitqiesu l-kundizzjonijiet klimatiċi u l-bijoloġija tal-pesti li jistgħu jospitaw il-viruses elenkati fit-Taqsima 7.

2. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' kontroll jikkonkludu, abbażi ta' spezzjoni, li l-ħamrija tkun ħielsa minn kull pest li jista' jospita l-viruses elenkati fit-Taqsima 7 ma għandhomx jittieħdu kampjuni jew isiru testijiet.

Meta d-dwieli ma jkunux tkabbru fil-ħamrija tal-produzzjoni għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin, u meta ma jkun hemm l-ebda dubju dwar l-assenza f'dik il-ħamrija ta' pesti li jistgħu jospitaw il-viruses elenkati fit-Taqsima 7, ukoll ma għandhomx jitwettqu l-ikkampjunar u l-ittestjar.

3. Fir-rigward tal-ikkampjunar u tal-ittestjar, l-Istati Membri għandhom japplikaw protokolli tal-EPPO, jew protokolli oħra li huma rikonoxxuti internazzjonalment. F'każ li dawn il-protokolli ma jeżistux, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-protokolli rilevanti stabbiliti fil-livell nazzjonali. F'dak il-każ, l-Istati Membri għandhom, fuq talba, iqiegħdu lil dawk il-protokolli għad-disponibbiltà tal-Istati Membri l-oħra u tal-Kummissjoni.

Taqsima 4: Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post ta' produzzjoni jew għaż-żona

1. Il-mixtliet tal-ħażna u l-mixtliet tal-qatgħat għandhom jiġu stabbiliti b'kundizzjonijiet xierqa sabiex jiġi evitat kull riskju ta' kontaminazzjoni minn pesti li jistgħu jospitaw il-zviruses elenkati fit-Taqsima 7.

2. Il-mixtliet tal-qatgħat ma għandhomx jiġu stabbiliti ġewwa vinja jew mixtla tal-ħażna. Id-distanza minima minn vinja jew mixtla tal-ħażna għandha tkun ta' tliet metri.

3. Minbarra r-rekwiżiti tas-saħħa u tal-ħamrija, u l-kundizzjonijiet tal-produzzjoni tat-Taqsimiet 2 u 3, il-materjal ta' propagazzjoni għandu jiġi prodott skont ir-rekwiżiti għas-sit ta' produzzjoni, għall-post ta' produzzjoni, jew iż-żona, kif stabbilit fit-Taqsima 8, biex tiġi limitata l-preżenza tal-pesti elenkati f'dik it-Taqsima.

Taqsima 5: Spezzjonijiet uffiċjali

1. Il-materjal tal-propagazzjoni prodott f'mixtliet tal-ħażna u f'mixtliet tal-qatgħat għandu jinstab li jkun konformi mar-rekwiżiti tat-Taqsimiet 2 sa 4 permezz ta' spezzjonijiet annwali ta' uċuħ tar-raba' uffiċjali.

2. Dawk l-ispezzjonijiet uffiċjali għandhom jitwettqu mill-awtorità uffiċjali tal-kontroll f'konformità mat-Taqsima 8.

3. Għandhom isiru spezzjonijiet uffiċjali addizzjonali tal-uċuħ tar-raba' f'każijiet ta' tilwim dwar kwistjonijiet li jistgħu jiġu deċiżi mingħajr preġudizzju għall-kwalità tal-materjal ta' propagazzjoni.

Taqsima 6: Lista ta' RNQPs li biex tiġi vverifikata l-preżenza tagħhom skont il-punt 2 tat-Taqsima 2 jeħtieġ li ssir spezzjoni viżwali u, f'każ ta' suspett, jittieħdu l-kampjuni u jsiru t-testijiet.

Ġeneru jew speċi tal-materjal ta' propagazzjoni tad-dwieli għajr iż-żrieragħ	RNQPs
	Insetti u akari
***Vitis vinifera* L. mhux imlaqqma**	*Viteus vitifoliae* Fitch [VITEVI]
	Insetti u akari
***Vitis* L. għajr *Vitis vinifera* mhux imlaqqma.**	*Viteus vitifoliae* Fitch [VITEVI]
	Batterji
***Vitis* L.**	*Xylophilus ampelinus* Willems *et al.* [XANTAM]
	Viruses, virojdi, mard li jixbaħ il-viruses u fitoplażmi
***Vitis* L.**	*Candidatus* Phytoplasma *solani* Quaglino *et al.* [PHYPSO]

Taqsima 7: Lista ta' RNQPs li biex tiġi vverifikata l-preżenza tagħhom skont il-punt 2 tat-Taqsima 2 u tat-Taqsima 8 jeħtieġ li ssir spezzjoni viżwali u, f'każ ta' suspett, jittieħdu l-kampjuni u jsiru t-testijiet.

Generu jew speċi	RNQPs
Materjal ta' propagazzjoni ta' *Vitis* L. għajr iż-żrieragħ	**Viruses, virojdi, mard li jixbaħ il-viruses u fitoplażmi** Il-virus *Arabis* mosaic [ARMV00] Il-virus tad-dwieli fanleaf [GFLV00] Il-virus assoċjat mal-leafroll tad-dielja 1 [GLRAV1] Il-virus assoċjat mal-leafroll tad-dielja 3 [GLRAV3]
Is-salvaġġ tal-*Vitis* spp. u l-ibridi tiegħu, għajr il-*Vitis vinifera*	**Viruses, virojdi, mard li jixbaħ il-viruses u fitoplażmi** Il-virus *Arabis* mosaic [ARMV00] Il-virus tad-dwieli fanleaf [GFLV00] Il-virus assoċjat mal-leafroll tad-dielja 1 [GLRAV1] Il-virus assoċjat mal-leafroll tad-dielja 3 [GLRAV3] Il-virus tad-dwieli fleck [GFKV00]

Taqsima 8: Rekwiżiti li jikkonċernaw il-miżuri għall-mixtliet tal-ħażna tal-*Vitis* L. u, meta applikabbli, għall-mixtliet tal-qatgħat għal kull kategorija, skont il-punt 2 tat-Taqsima 2.

***Vitis* L.**

1. **Materjal inizjali tal-propagazzjoni , materjal bażiku tal-propagazzjoni u materjal iċċertifikat**

Spezzjonijiet viżwali

L-awtorità uffiċjali tal-kontroll għandha twettaq spezzjonijiet viżwali fuq il-mixtliet tal-ħażna u l-mixtliet tal-qatgħat tal-inqas darba kull staġun ta' tkabbir għall-RNQPs kollha elenkati fit-Taqsimiet 6 u 7.

2. **Materjal tal-propagazzjoni inizjali**

L-ikkampjunar u l-ittestjar

Id-dwieli kollha fil-mixtliet tal-ħażna maħsuba għall-produzzjoni ta' materjal inizjali ta' propagazzjoni għandhom jiġu kkampjunati u ttestjati għall-preżenza tal-virus *Arabis* mosaic, il-virus tad-dwieli fanleaf, il-virus assoċjat mal-leafroll tad-dielja 1, u l-virus assoċjat mal-leafroll tad-dielja 3. L-ikkampjunar u l-ittestjar għandhom jerġgħu jiġu ripetuti kull ħames snin.

Il-mixtliet tal-ħażna maħsuba għall-produzzjoni tas-salvaġġ, minbarra l-ikkampjunar u l-ittestjar tal-viruses imsemmija fl-ewwel inċiż, se jiġu kkampjunati u ttestjati darba għall-preżenza tal-virus tad-dwieli fleck.

Ir-riżultati tal-ikkampjunar u tal-ittestjar għandhom ikunu disponibbli qabel ma jiġu aċċettati l-mixtliet tal-ħażna kkonċernati.

3. **Materjal bażiku tal-propagazzjoni**

L-ikkampjunar u l-ittestjar

Id-dwieli kollha fil-mixtliet tal-ħażna maħsuba għall-produzzjoni ta' materjal ta' propagazzjoni bażiku għandhom jiġu kkampjunati u ttestjati fir-rigward tal-preżenza tal-virus *Arabis* mosaic, tal-virus tad-dwieli fanleaf, tal-virus assoċjat mal-leafroll tad-dielja 1 u tal-virus assoċjat mal-leafroll tad-dielja 3.

L-ikkampjunar u l-ittestjar għandhom jerġgħu jiġu ripetuti kull sitt snin.

Ir-riżultati tal-ikkampjunar u l-ittestjar għandhom ikunu disponibbli qabel ma jiġu aċċettati l-mixtliet tal-ħażna kkonċernati.

4. **Materjal iċċertifikat**

L-ikkampjunar u l-ittestjar

Fil-mixtliet tal-ħażna maħsuba għall-produzzjoni ta' materjal iċċertifikat għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tad-dwieli għall-preżenza tal-virus *Arabis* mosaic, tal-virus tad-dwieli fanleaf, tal-virus assoċjat mal-leafroll tad-dielja 1 u tal-virus assoċjat mal-leafroll tad-dielja 3.

L-ikkampjunar u l-ittestjar għandhom jibdew minn meta l-mixtliet tal-ħażna jkollhom għaxar snin u jerġgħu jiġu ripetuti kull għaxar snin.

Ir-riżultati tal-ikkampjunar u l-ittestjar għandhom ikunu disponibbli qabel ma jiġu aċċettati l-mixtliet tal-ħażna kkonċernati.

5. **Materjal inizjali tal-propagazzjoni, materjal bażiku tal-propagazzjoni u materjal iċċertifikat**

Ir-rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post tal-produzzjoni jew għaż-żona (tal-produzzjoni?) u skont l-RNQPs ikkonċernati

(a) ***Candidatus* Phytoplasma *solani* Quaglino *et al.***

(i) Id-dwieli għandhom jiġu prodotti f'żoni li huma magħrufa li huma ħielsa mill-*Candidatus* Phytoplasma *solani* Quaglino *et al*.; jew

(ii) l-ebda sintomu ta' *Candidatus* Phytoplasma *solani* Quaglino *et al*. ma jkun ġie osservat fuq id-dwieli fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir; jew

(iii) il-kundizzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu ssodisfati fir-rigward tal-preżenza ta' *Candidatus* Phytoplasma *solani* Quaglino *et al*.:

— id-dwieli kollha fil-mixtliet tal-ħażna maħsuba għall-produzzjoni ta' materjal inizjali tal-propagazzjoni u materjal bażiku tal-propagazzjoni li juru s-sintomi ta' *Candidatus* Phytoplasma *solani* Quaglino et al. jkunu nqalgħu; kif ukoll

— id-dwieli kollha fil-mixtliet tal-ħażna maħsuba għall-produzzjoni ta' materjal iċċertifikat li juru s-sintomi ta' *Candidatus* Phytoplasma *solani* Quaglino *et al*. ġew tal-anqas esklużi mill-propagazzjoni; kif ukoll

— fil-każ li materjal propagattiv li jkun maħsub għall-kummerċjalizzazzjoni juri sintomi ta' *Candidatus* Phytoplasma *solani* Quaglino *et al*. għandu jkun soġġett għat-trattament bl-ilma sħun, jew għal trattament xieraq ieħor f'konformità mal-protokolli tal-EPPO, jew protokolli oħra li huma rikonoxxuti internazzjonalment biex ikun żgurat li jkun ħieles mill-*Candidatus* Phytoplasma *solani* Quaglino *et al*.

(b) ***Xylophilus ampelinus* Willems *et al.***

(i) Id-dwieli għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Xylophilus ampelinus* Willems *et al*.; jew

(ii) ma jkunux ġew osservati sintomi ta' *Xylophilus ampelinus* Willems *et al*. fuq id-dwieli fis-sit tal-produzzjoni fl-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir; jew

(iii) il-kundizzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu ssodisfati fir-rigward tal-preżenza ta' *Xylophilus ampelinus* Willems *et al*.:

— id-dwieli kollha fil-mixtliet tal-ħażna maħsuba għall-produzzjoni ta' materjal inizjali tal-propagazzjoni, għall-materjal bażiku tal-propagazzjoni, u għall-materjal iċċertifikat li juru s-sintomi ta'*Xylophilus ampelinus* Willems *et al*. ikunu nqalgħu u hemm l-intenzjoni li jittieħdu miżuri xierqa ta' iġjene, u

— id-dwieli fis-sit tal-produzzjoni li juru sintomi ta' *Xylophilus ampelinus* Willems *et al*. għandhom jiġu ttrattati b'batteriċida wara ż-żbir sabiex ikun żgurat li jkunu ħielsa mill-*Xylophilus ampelinus* Willems *et al*.; kif ukoll

— fil-każ li materjal ta' propagazzjoni li jkun maħsub għall-kummerċjalizzazzjoni juri sintomi ta' *Xylophilus ampelinus* Willems *et al*. il-lott kollu ta' dak il-materjal għandu jkun soġġett għat-trattament bl-ilma sħun, jew għal trattament xieraq ieħor f'konformità mal-protokolli tal-EPPO, jew protokolli oħra li huma rikonoxxuti internazzjonalment biex ikun żgurat li jkun ħieles mill-*Xylophilus ampelinus* Willems *et al*.

(c) **Il-virus *Arabis* mosaic, il-virus tad-dwieli fanleaf, il-virus assoċjat mal-leafroll tad-dielja 1 u l-virus assoċjat mal-leafroll tad-dielja 3**

(i) Il-kundizzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu ssodisfati fir-rigward tal-preżenza tal-virus *Arabis* mosaic, tal-virus tad-dwieli fanleaf, tal-virus assoċjat mal-leafroll tad-dielja 1 u tal-virus assoċjat mal-leafroll tad-dielja 3:

— ma jkun ġie osservat l-ebda sintomu ta' ebda virus fuq id-dwieli fil-mixtliet tal-ħażna maħsuba għall-produzzjoni ta' materjal inizjali tal-propagazzjoni u ta' materjal bażiku tal-propagazzjoni ; kif ukoll

— is-sintomi ta' dawk il-viruses kollha ġew osservati fuq mhux aktar minn 5 % tad-dwieli f'mixtliet tal-ħażna maħsuba għall-produzzjoni ta' materjal iċċertifikat, u dawk id-dwieli jkunu nqalgħu u nqerdu; jew

(ii) id-dwieli kollha fil-mixtliet tal-ħażna maħsuba għall-produzzjoni ta' materjal ta' propagazzjoni inizjali, u l-materjal tal-propagazzjoni inizjali għandu jinżamm f'faċilitajiet protetti mill-insetti biex ikun żgurat il-ħelsien mill-virus assoċjat mal-leafroll tad-dielja 1 u mill-virus assoċjat mal-leafroll tad-dielja 3.

(d) ***Viteus vitifoliae* Fitch**

(i) Id-dwieli għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Viteus vitifoliae* Fitch, jew

(ii) id-dwieli għandhom jitlaqqmu fuq is-salvaġġ reżistenti għall-*Viteus vitifoliae* Fitch, jew

— id-dwieli kollha fil-mixtliet tal-ħażna maħsuba għall-produzzjoni ta' materjal tal-propagazzjoni inizjali, u l-materjal tal-propagazzjoni inizjali kollu għandhom jinżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti u ma jkun ġie osservat l-ebda sintomu ta' *Viteus vitifoliae* Fitch fuq dawk id-dwieli matul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir; kif ukoll

— fil-każ li materjal ta' propagazzjoni li jkun maħsub għall-kummerċjalizzazzjoni juri s-sintomi ta' *Viteus vitifoliae* Fitch, il-lott sħiħ ta' dak il-materjal għandu jkun soġġett għall-fumigazzjoni, għat-trattament bl-ilma sħun, jew għal trattament xieraq ieħor f'konformità mal-protokolli tal-EPPO, jew ma' protokolli oħra li huma magħrufa internazzjonalment li jiżguraw il-ħelsien mill-*Viteus vitifoliae* Fitch.

6. **Materjal standard**

Spezzjonijiet viżwali

L-awtorità uffiċjali tal-kontroll għandha twettaq spezzjonijiet viżwali fuq mixtliet tal-ħażna u mixtliet tal-qatgħat tal-inqas darba kull staġun ta' tkabbir għall-RNQPs kollha elenkati fit-Taqsimiet 6 u 7.

Ir-rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post tal-produzzjoni jew għaż-żona u skont l-RNQPs ikkonċernati

(a) ***Candidatus* Phytoplasma *solani* Quaglino *et al.***

(i) Id-dwieli għandhom jiġu prodotti f'żoni li huma magħrufa li huma ħielsa mill-*Candidatus* Phytoplasma *solani Quaglino et al.*; jew

(ii) ma jkun ġie osservat l-ebda sintomu ta' *Candidatus* Phytoplasma *solani* Quaglino *et al.* fuq id-dwieli fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir; jew

(iii) — id-dwieli kollha fil-mixtliet tal-ħażna maħsuba għall-produzzjoni ta' materjal standard li juru s-sintomi ta' *Candidatus* Phytoplasma *solani Quaglino et al.* ġew tal-anqas eskluż mill-propagazzjoni; kif ukoll

— fil-każ li materjal ta' propagazzjoni li jkun maħsub għall-kummerċjalizzazzjoni juri sintomi ta' *Candidatus* Phytoplasma *solani Quaglino et al.*, il-lott sħiħ ta' dak il-materjal għandu jkun soġġett għat-trattament bl-ilma sħun, jew għal trattament xieraq ieħor f'konformità mal-protokolli tal-EPPO, jew protokolli oħra li huma rikonoxxuti fuq livell internazzjonali biex ikun żgurat li jkun ħieles mill-*Candidatus* Phytoplasma *solani* Quaglino *et al.*

(b) ***Xylophilus ampelinus* Willems *et al.***

(i) Id-dwieli għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill- *Xylophilus ampelinus* Willems *et al.*; jew

(ii) ma jkun ġie osservat l-ebda sintomu ta' *Xylophilus ampelinus* Willems *et al.* fuq id-dwieli fis-sit tal-produzzjoni fl-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir; jew

(iii) il-kundizzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu ssodisfati fir-rigward tal-preżenza ta' *Xylophilus ampelinus* Willems *et al.*:

— id-dwieli kollha fil-mixtliet tal-ħażna maħsuba għall-produzzjoni ta' materjal standard li juru sintomi ta' *Xylophilus ampelinus* Willems *et al.* jkunu nqalgħu u għandhom jittieħdu miżuri xierqa dwar l-iġjene; kif ukoll

— id-dwieli fis-sit tal-produzzjoni li juru sintomi ta' *Xylophilus ampelinus* Willems *et al.* għandhom jiġu ttrattati b'batteriċida wara ż-żbir sabiex ikun żgurat li jkunu ħielsa mill-*Xylophilus ampelinus* Willems *et al.*; kif ukoll

— fil-każ li materjal ta' propagazzjoni li jkun maħsub għall-kummerċjalizzazzjoni juri sintomi ta'*Xylophilus ampelinus* Willems *et al.*, il-lott sħiħ ta' dak il-materjal għandu jkun soġġett għat-trattament bl-ilma sħun, jew għal trattament xieraq ieħor f'konformità mal-protokolli tal-EPPO, jew protokolli oħra li huma rikonoxxuti fuq livell internazzjonali biex ikun żgurat li jkun ħieles mill-*Xylophilus ampelinus* Willems *et al.*

(c) **Il-virus *Arabis* mosaic, il-virus tad-dwieli fanleaf, il-virus assoċjat mal-leafroll tad-dielja 1 u l-virus assoċjat mal-leafroll tad-dielja 3**

Is-sintomi tal-viruses kollha (tal-virus *Arabis* mosaic, tal-virus tad-dwieli fanleaf, tal-virus assoċjat mal-leafroll tad-dielja 1 u tal-virus assoċjat mal-leafroll tad-dielja 3) jkunu ġew osservati fuq mhux aktar minn 10 % tad-dwieli f'mixtliet tal-ħażna maħsuba għall-produzzjoni ta' materjal standard u dawk id-dwieli jkunu ġew eliminati mill-propagazzjoni.

(d) ***Viteus vitifoliae* Fitch**

(i) Id-dwieli għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Viteus vitifoliae* Fitch, jew

(ii) id-dwieli għandhom jitlaqqmu fuq is-salvaġġ reżistenti għall-*Viteus vitifoliae* Fitch, jew:

(iii) fil-każ li materjal ta' propagazzjoni li huwa maħsub għall-kummerċjalizzazzjoni juri sintomi ta' *Viteus vitifoliae* Fitch, il-lott sħiħ ta' dak il-materjal għandu jkun soġġett għall-fumigazzjoni, għat-trattament bl-ilma sħun, jew għal trattament xieraq ieħor f'konformità mal-protokolli tal-EPPO, jew protokolli oħra li huma rikonoxxuti fuq livell internazzjonali biex ikun żgurat li jkun ħieles mill-*Viteus vitifoliae* Fitch.";

(2) fl-Anness II, il-punt I(4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-materjal tal-propagazzjoni għandu jkun prattikament ħieles minn kull pest li jnaqqas l-utilità u l-kwalità tal-materjal tal-propagazzjoni.

Il-materjal tal-propagazzjoni għandu jikkonforma wkoll mar-rekwiżiti li jikkonċernaw il-pesti ta' kwarantina fl-Unjoni u l-pesti ta' kwarantina f'żona protetta previsti fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/2031, u mal-miżuri adottati skont l-Artikolu 30(1) ta' dak ir-Regolament.

ANNESS IV

Emenda għad-Direttiva 93/49/KEE

L-Anness tad-Direttiva 93/49/KE huwa sostitwit b'dan li ġej:

'ANNESS

Batterji

RNQPs jew sintomi kkawżati mill-RNQPs	Ġeneru jew speċi ta' materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali	Limitu stabbilit għall-preżenza tal-RNQPs fuq il-materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali
Erwinia amylovora (Burrill) Winslow *et al.* [ERWIAM]	Materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali ħlief żrieragħ *Amelanchier* Medik., *Chaenomeles* Lindl., *Cotoneaster* Medik., *Crataegus* Tourn. ex L., *Cydonia* Mill., *Eriobtrya* Lindl., *Malus* Mill., *Mespilus* Bosc ex Spach, *Photinia davidiana* Decne., *Pyracantha* M. Roem., *Pyrus* L., *Sorbus* L.	0 %
Pseudomonas syringae pv. *persicae* (Prunier, Luisetti &. Gardan) Young, Dye & Wilkie [PSDMPE]	Materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali ħlief żrieragħ *Prunus persica* (L.) Batsch, *Prunus salicina* Lindl.	0 %
Spiroplasma citri Saglio *et al.* [SPIRCI]	Materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali ħlief żrieragħ *Citrus* L., ibridi ta'*Citrus* L., *Fortunella* Swingle., ibridi ta' *Fortunella* Swingle., *Poncirus* Raf., ibridi ta' *Poncirus* Raf.	0 %
Xanthomonas arboricola pv. pruni (Smith) Vauterin *et al.* [XANTPR]	Materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali ħlief żrieragħ *Prunus* L.	0 %
Xanthomonas euvesicatoria Jones *et al.* [XANTEU]	*Capsicum annuum* L.	0 %
Xanthomonas gardneri (ex Šutič) Jones et al. [XANTGA]	*Capsicum annuum* L.	0 %
Xanthomonas perforans Jones *et al.* [XANTPF]	*Capsicum annuum* L.	0 %
Xanthomonas vesicatoria (ex Doidge) Vauterin *et al.* [XANTVE]	*Capsicum annuum* L.	0 %

Fungi u oomiċeti

RNQPs jew sintomi kkawżati mill-RNQPs	Ġeneru jew speċi ta' materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali	Limitu stabbilit għall-preżenza tal-RNQPs fuq il-materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali
Cryphonectria parasitica (Murrill) Barr [ENDOPA]	Materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali ħlief żrieragħ *Castanea* L.	0 %
Dothistroma pini Hulbary [DOTSPI]	Materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali ħlief żrieragħ *Pinus* L.	0 %

Fungi u oomiċeti

RNQPs jew sintomi kkawżati mill-RNQPs	Ġeneru jew speċi ta' materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali	Limitu stabbilit għall-preżenza tal-RNQPs fuq il-materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali
Dothistroma septosporum (Dorogin) Morelet [SCIRPI]	Materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali ħlief żrieragħ *Pinus* L.	0 %
Lecanosticta acicola (von Thümen) Sydow [SCIRAC]	Materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali ħlief żrieragħ *Pinus* L.	0 %
Plasmopara halstedii (Farlow) Berlese & de Toni [PLASHA]	Żerriegħa *Helianthus annuus* L.	0 %
Plenodomus tracheiphilus (Petri) Gruyter, Aveskamp & Verkley [DEUTTR]	Materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali ħlief żrieragħ *Citrus* L., ibridi ta' *Citrus* L., *Fortunella* Swingle, ibdridi ta' *Fortunella* Swingle, *Poncirus* Raf., ibridi ta'*Poncirus* Raf.	0 %
Puccinia horiana P. Hennings [PUCCHN]	Materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali ħlief żrieragħ *Chrysanthemum* L.	0 %

Insetti u akari

RNQPs jew sintomi kkawżati mill-RNQPs	Ġeneru jew speċi ta' materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali	Limitu stabbilit għall-preżenza tal-RNQPs fuq il-materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali
Aculops fuchsiae Keifer [ACUPFU]	Materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali ħlief żrieragħ *Fuchsia* L.	0 %
Opogona sacchari Bojer [OPOGSC]	Materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali ħlief żrieragħ *Beaucarnea* Lem., *Bougainvillea* Comm. ex Juss., *Crassula* L., *Crinum* L., *Dracaena* Vand. ex L., *Ficus* L., *Musa* L., *Pachira* Aubl., *Palmae, Sansevieria* Thunb., *Yucca* L.	0 %
Rhynchophorus ferrugineus (Olivier) [RHYCFE]	Materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali ħlief żrieragħ *Palmae,* fir-rigward tal-ġeneri u l-ispeċijiet li ġejjin *Areca catechu* L., *Arenga pinnata* (Wurmb) Merr., *Bismarckia* Hildebr. & H. Wendl., *Borassus flabellifer* L., *Brahea armata* S. Watson, *Brahea edulis* H.Wendl., *Butia capitata* (Mart.) Becc., *Calamus merrillii* Becc., *Caryota maxima* Blume, *Caryota cumingii* Lodd. ex Mart., *Chamaerops humilis* L., *Cocos nucifera* L., *Corypha utan* Lam., *Copernicia* Mart., *Elaeis guineensis* Jacq., *Howea forsteriana* Becc., *Jubaea chilensis* (Molina) Baill., *Livistona australis* C. Martius, *Livistona decora* (W. Bull) Dowe, *Livistona rotundifolia* (Lam.) Mart., *Metroxylon sagu* Rottb., *Phoenix canariensis* Chabaud, *Phoenix dactylifera* L., *Phoenix reclinata* Jacq., *Phoenix roebelenii* O'Brien, *Phoenix sylvestris* (L.) Roxb., *Phoenix theophrasti* Greuter, *Pritchardia* Seem. & H. Wendl., *Ravenea rivularis* Jum. & H. Perrier, *Roystonea regia* (Kunth) O.F. Cook, *Sabal palmetto* (Walter) Lodd. ex Schult. & Schult.f., *Syagrus romanzoffiana* (Cham.) Glassman, *Trachycarpus fortunei* (Hook.) H. Wendl., *Washingtonia* H. Wendl.	0 %

Nematodi

RNQPs jew sintomi kkawżati mill-RNQPs	Ġeneru jew speċi ta' materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali	Limitu stabbilit għall-preżenza tal-RNQPs fuq il-materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali
Ditylenchus dipsaci (Kuehn) Filipjev *[DITYDI]*	*Allium* L.	0 %
Ditylenchus dipsaci (Kuehn) Filipjev *[DITYDI]*	Materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali ħlief żrieragħ *Camassia* Lindl., *Chionodoxa* Boiss., *Crocus flavus* Weston, *Galanthus* L., *Hyacinthus* Tourn. ex L, *Hymenocallis* Salisb., *Muscari* Mill., *Narcissus* L., *Ornithogalum* L., *Puschkinia* Adams, *Scilla* L., *Sternbergia* Waldst. & Kit., *Tulipa* L.	0 %

Viruses, virojdi, mard li jixbaħ il-viruses u fitoplażmi

RNQPs jew sintomi kkawżati mill-RNQPs	Ġeneru jew ġeneri ta' materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali	Limitu stabbilit għall-preżenza tal-RNQPs fuq il-materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali
Candidatus Phytoplasma *mali* Seemüller & Schneider [PHYPMA]	Materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali ħlief żrieragħ *Malus* Mill.	0 %
Candidatus Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider [PHYPPR]	Materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali ħlief żrieragħ *Prunus* L.	0 %
Candidatus Phytoplasma *pyri* Seemüller & Schneider [PHYPPY]	Materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali ħlief żrieragħ *Pyrus* L.	0 %
Candidatus Phytoplasma *solani* Quaglino *et al.* [PHYPSO]	Materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali ħlief żrieragħ *Lavandula* L.	0 %
Chrysanthemum stunt viroid [CSVD00]	Materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali ħlief żrieragħ *Argyranthemum* Webb ex Sch.Bip., *Chrysanthemum* L.	0 %
Citrus exocortis viroid [CEVD00]	Materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali ħlief żrieragħ *Citrus* L.	0 %
Citrus tristeza virus [CTV000](EU isolates)	Materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali ħlief żrieragħ *Citrus* L., ibridi ta'*Citrus* L., *Fortunella* Swingle, ibridi ta'*Fortunella* Swingle, *Poncirus* Raf., ibridi tal-*Poncirus* Raf.	0 %
Impatiens necrotic spot tospovirus [INSV00]	Materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali ħlief żrieragħ *Begonia x hiemalis* Fotsch, Ibridi ta' *Impatiens* L. tan-New Guinea	0 %

Viruses, virojdi, mard li jixbaħ il-viruses u fitoplażmi		
RNQPs jew sintomi kkawżati mill-RNQPs	Ġeneru jew ġeneri ta' materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali	Limitu stabbilit għall-preżenza tal-RNQPs fuq il-materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali
Potato spindle tuber viroid [PSTVD0]	*Capsicum annuum* L.,	0 %
Plum pox virus [PPV000]	Materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali ħlief żrieragħ *Prunus armeniaca* L., *Prunus blireiana* Andre, *Prunus brigantina* Vill., *Prunus cerasifera* Ehrh., *Prunus cistena* Hansen, *Prunus curdica* Fenzl and Fritsch., *Prunus domestica* L., *Prunus domestica* ssp. *insititia* (L.) C.K. Schneid, *Prunus domestica* ssp. *italica* (Borkh.) Hegi., *Prunus dulcis* (Miller) Webb, *Prunus glandulosa* Thunb., *Prunus holosericea* Batal., *Prunus hortulana* Bailey, *Prunus japonica* Thunb., *Prunus mandshurica* (Maxim.) Koehne, *Prunus maritima* Marsh., *Prunus mume* Sieb. and Zucc., *Prunus nigra* Ait., *Prunus persica* (L.) Batsch, *Prunus salicina* L., *Prunus sibirica* L., *Prunus simonii* Carr., *Prunus spinosa* L., *Prunus tomentosa* Thunb., *Prunus triloba* Lindl. — speċi oħra ta' *Prunus L.* suxxettibbli għall-Plum pox virus	0 %
Tomato spotted wilt tospovirus [TSWV00]	Materjal propagattiv ta' pjanti ornamentali ħlief żrieragħ *Begonia x hiemalis* Fotsch, *Capsicum annuum* L., *Chrysanthemum* L., *Gerbera* L., ibridi ta'*Impatiens* L. New Guinea, *Pelargonium* L.	0 %'

ANNESS V

Emenda għad-Direttiva 93/61/KEE

L-Anness tad-Direttiva 93/61/KE huwa sostitwit b'dan li ġej:

'ANNESS

RNQPs li jikkonċernaw il-materjal propagattiv ta' ħaxix u l-materjal għat-tħawwil

Batterji

RNQPs jew sintomi kkawżati mill-RNQPs	Materjal propagattiv ta' ħaxix u materjal għat-tħawwil (ġeneru jew speċi)	Limitu stabbilit għall-preżenza tal-RNQPs fuq il-materjal propagattiv ta' ħaxix u l-materjal għat-tħawwil
Clavibacter michiganensis ssp. *michiganensis* (Smith) Davis *et al.* [CORBMI]	*Solanum lycopersicum* L.	0 %
Xanthomonas euvesicatoria Jones *et al.* [XANTEU]	*Capsicum annuum* L., *Solanum lycopersicum* L.	0 %
Xanthomonas gardneri (ex Šutič 1957) Jones *et al.* [XANTGA]	*Capsicum annuum* L., *Solanum lycopersicum* L.	0 %
Xanthomonas perforans Jones *et al.* [XANTPF]	*Capsicum annuum* L., *Solanum lycopersicum L.*	0 %
Xanthomonas vesicatoria (ex Doidge) Vauterin *et al.* [XANTVE]	*Capsicum annuum* L., *Solanum lycopersicum* L.	0 %

Fungi u oomiċeti

RNQPs jew sintomi kkawżati mill-RNQPs	Materjal propagattiv ta' ħaxix u materjal għat-tħawwil (ġeneru jew speċi)	Limitu stabbilit għall-preżenza tal-RNQPs fuq il-materjal propagattiv ta' ħaxix u l-materjal għat-tħawwil
Fusarium Link (ġeneru anamorfiku) [1FUSAG] għajr il-*Fusarium oxysporum* f. sp. *albedinis* (Kill. & Maire) W.L. Gordon [FUSAAL]u *Fusarium circinatum* Nirenberg & O'Donnell [GIBBCI]	*Asparagus officinalis* L.	0 %
Helicobasidium brebissonii (Desm.) Donk [HLCBBR]	*Asparagus officinalis* L.	0 %
Stromatinia cepivora Berk. [SCLOCE]	*Allium cepa* L., *Allium fistulosum* L., *Allium porrum* L., *Allium sativum* L.	0 %
Verticillium dahliae Kleb. [VERTDA]	*Cynara cardunculus* L.	0 %

Nematodi

RNQPs jew sintomi kkawżati mill-RNQPs	Materjal propagattiv ta' ħaxix u materjal għat-tħawwil (ġeneru jew speċi)	Limitu stabbilit għall-preżenza tal-RNQPs fuq il-materjal propagattiv ta' ħaxix u l-materjal għat-tħawwil
Ditylenchus dipsaci (Kuehn) Filipjev [DITYDI]	*Allium cepa* L., *Allium sativum* L.	0 %

Viruses, virojdi, mard li jixbaħ il-viruses u fitoplażmi

RNQPs jew sintomi kkawżati mill-RNQPs	Materjal propagattiv ta' ħaxix u materjal għat-tħawwil (ġeneru jew speċi)	Limitu stabbilit għall-preżenza tal-RNQPs fuq il-materjal propagattiv ta' ħaxix u l-materjal għat-tħawwil
Leek yellow stripe virus [LYSV00]	*Allium sativum* L.	1 %
Onion yellow dwarf virus [OYDV00]	*Allium cepa* L., *Allium sativum* L.	1 %
Potato spindle tuber viroid [PSTVD0]	*Capsicum annuum* L., *Solanum lycopersicum* L.	0 %
Tomato spotted wilt tospovirus [TSWV00]	*Capsicum annuum L., Lactuca sativa L., Solanum lycopersicum L., Solanum melongena L.*	0 %
Tomato yellow leaf curl virus [TYLCV0]	*Solanum lycopersicum* L.	0 %'

ANNESS VI

Emenda għall-Anness I u għall-Anness II tad-Direttiva 2002/55/KE

Id-Direttiva 2002/55/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Anness I, il-punt 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'5. L-uċuħ tar-raba' għandhom ikunu prattikament ħielsa minn kull pest li jnaqqas l-utilità u l-kwalità tal-materjal tal-propagazzjoni.

L-uċuħ tar-raba' għandhom jikkonformaw ukoll mar-rekwiżiti li jikkonċernaw il-pesti ta' kwarantina fl-Unjoni, il-pesti ta' kwarantina f'żona protetta u l-pesti rregolati mhux ta' kwarantina ("RNQPs") previsti fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/2031 (*), kif ukoll mal-miżuri adottati skont l-Artikolu 30(1) ta' dak ir-Regolament;

(*) Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.2016, p 4)'.

(2) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'2. Iż-żerriegħa għandha tkun prattikament ħielsa minn kull pest li jnaqqas l-utilità u l-kwalità tal-materjal tal-propagazzjoni.

Iż-żerriegħa għandha tikkonforma wkoll mar-rekwiżiti li jikkonċernaw il-pesti ta' kwarantina fl-Unjoni, il-pesti ta' kwarantina f'żona protetta u l-RNQPs previsti fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/2031, kif ukoll mal-miżuri adottati skont l-Artikolu 30(1) ta' dak ir-Regolament.'

(b) il-punt 3(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

'(b) Il-preżenza ta' pesti rregolati mhux ta' kwarantina (RNQPs) fuq iż-żerriegħa tal-ħaxix għandha, tal-anqas bi spezzjoni viżwali, ma taqbiżx il-limiti stabbiliti rispettivi stipulati fit-tabella li ġejja:

Batterji

RNQPs jew sintomi kkawżati mill-RNQPs	Ġeneru jew speċi ta' żerriegħa tal-ħaxix	Limitu stabbilit għall-preżenza tal-RNQPs fuq iż-żerriegħa tal-ħaxix
Clavibacter michiganensis ssp. *michiganensis* (Smith) Davis *et al.* [CORBMI]	*Solanum lycopersicum* L.	0 %
Xanthomonas axonopodis pv. *phaseoli* (Smith) Vauterin *et al.* [XANTPH]	*Phaseolus vulgaris* L.	0 %
Xanthomonas euvesicatoria Jones *et al.* [XANTEU]	*Capsicum annuum* L., *Solanum lycopersicum* L.	0 %
Xanthomonas fuscans subsp. fuscans Schaad *et al.* [XANTFF]	*Phaseolus vulgaris* L.	0 %
Xanthomonas gardneri (ex Šutič 1957) Jones *et al* [XANTGA]	*Capsicum annuum* L., *Solanum lycopersicum* L.	0 %
Xanthomonas perforans Jones *et al.* [XANTPF]	*Capsicum annuum* L., *Solanum lycopersicum* L.	0 %
Xanthomonas vesicatoria (ex Doidge) Vauterin *et al.* [XANTVE]	*Capsicum annuum* L., *Solanum lycopersicum* L.	0 %

Insetti u akari

RNQPs jew sintomi kkawżati mill-RNQPs	Ġeneru jew speċi taż-żerriegħa tal-ħaxix	Limitu stabbilit għall-preżenza tal-RNQPs fuq iż-żerriegħa tal-ħaxix
Acanthoscelides obtectus (Say) [ACANOB]	*Phaseolus coccineus* L., *Phaseolus vulgaris* L.	0 %
Bruchus pisorum (Linnaeus) [BRCHPI]	*Pisum sativum* L.	0 %
Bruchus rufimanus Boheman [BRCHRU]	*Vicia faba* L.	0 %

Nematodi

RNQPs jew sintomi kkawżati mill-RNQPs	Ġeneru jew speċi ta' żerriegħa tal-ħaxix	Limitu stabbilit għall-preżenza tal-RNQPs fuq iż-żerriegħa tal-ħaxix
Ditylenchus dipsaci (Kuehn) Filipjev [DITYDI]	*Allium cepa* L., *Allium porrum* L.	0 %

Viruses, virojdi, mard li jixbaħ il-viruses u fitoplażmi

RNQPs jew sintomi kkawżati mill-RNQPs	Ġeneru jew speċi taż-żerriegħa tal-ħaxix	Limitu stabbilit għall-preżenza tal-RNQPs fuq iż-żerriegħa tal-ħaxix
Pepino mosaic virus [PEPMV0]	*Solanum lycopersicum* L.	0 %
Potato spindle tuber viroid [PSTVD0]	*Capsicum annuum* L., *Solanum lycopersicum* L.	0 %'

ANNESS VII

Emenda għad-Direttiva 2002/56/KE

Id-Direttiva 2002/56/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Anness I huwa sostitwit b'dan li ġej:

'ANNESS I

KUNDIZZJONIJIET MINIMI LI JRIDU JIĠU SODISFATTI MILL-PATATA TAŻ-ŻERRIEGĦA

1. Fil-każ tal-patata taż-żerriegħa bażika, l-għadd ta' pjanti li qegħdin jikbru li ma jkunux qed jikbru b'mod leali għall-varjetà u l-għadd ta' pjanti ta' varjetà differenti, kumplessivament, ma għandhomx jaqbżu ż-0,1 % u fil-proġenija diretta, kumplessivament ma għandhomx jaqbżu ż-0,25 %.

2. Fil-każ tal-patata taż-żerriegħa ċċertifikata, l-għadd ta' pjanti li qegħdin jikbru li ma jikbrux b'mod leali għall-varjetà u n-numru ta' pjanti ta' varjetà differenti, kumplessivament ma għandhomx jaqbżu ż-0,5 % u fil-proġenija diretta, kumplessivament ma għandhomx jaqbżu ż-0,5 %;

3. Il-patata taż-żerriegħa għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin dwar il-preżenza ta' pesti rregolati mhux ta' kwarantina (RNQPs), jew mard ikkawżat mill-RNQPs, u l-kategoriji rispettivi, kif stabbilit fit-tabella li ġejja:

RNQPs jew sintomi kkawżati mill-RNQPs	Limitu stabbilit fil-pjanti li qed jikbru għall-patata taż-żerriegħa bażika	Limitu stabbilit fil-pjanti li qed jikbru għall-patata taż-żerriegħa ċċertifikata
Blackleg (*Dickeya* Samson *et al. spp.* [1DICKG]; *Pectobacterium* Waldee emend. Hauben *et al. spp.* [1PECBG])	1,0 %	4,0 %
Candidatus Liberibacter *solanacearum* Liefting *et al.* [LIBEPS]	0 %	0 %
Candidatus Phytoplasma *solani* Quaglino *et al.* [PHYPSO]	0 %	0 %
Sintomi tal-mużajk kkawżati mill-viruses kif ukoll sintomi kkawżati mill-potato leaf roll virus [PLRV00]	0,8 %	6,0 %
Potato spindle tuber viroid [PSTVD0]	0 %	0 %

RNQPs jew sintomi kkawżati mill-RNQPs	Limitu stabbilit fil-proġenija diretta tal-patata taż-żerriegħa bażika	Limitu stabbilit fil-proġenija diretta tal-patata taż-żerriegħa ċċertifikata
Sintomi ta' virus	4,0 %	10,0 %

4. L-għadd massimu ta' ġenerazzjonijiet ta' patata taż-żerriegħa bażika għandu jkun erbgħa, u l-ġenerazzjonijiet kkombinati ta' patata taż-żerriegħa prebażika u patata taż-żerriegħa bażika fl-għalqa għandhom ikunu sebgħa.

L-għadd massimu ta' ġenerazzjonijiet ta' patata taż-żerriegħa ċċertifikata għandu jkun ta' tnejn.

Jekk il-ġenerazzjoni ma tkunx indikata fuq it-tikketta uffiċjali, il-patata taż-żerriegħa kkonċernata għandha titqies li tkun tal-ġenerazzjoni massima li hija permessa għal kull kategorija rispettiva.';

(2) L-Anness II huwa sostitwit b'dan li ġej:

'ANNESS II

KUNDIZZJONIJIET MINIMI TAL-KWALITÀ GĦAL LOTTIJIET TA' PATATA TAŻ-ŻERRIEGĦA

It-tolleranzi li ġejjin għall-impuritajiet, it-tbajja' u l-RNQPs, jew is-sintomi kkawżati mill-RNQPs, huma permessi għall-patata taż-żerriegħa:

(1) presenza ta' ħamrija u materja barranija; 1,0 % skont il-massa għal patata taż-żerriegħa bażika, u 2,0 % skont il-massa għal patata taż-żerriegħa ċċertifikata;

(2) taħsir niexef u mxarrab ikkumbinat, minbarra jekk ikun ikkawżat minn *Synchytrium endobioticum*, *Clavibacter michiganensis* subsp. *sepedonicus* jew *Ralstonia solanacearum*: 0,5 % skont il-massa, li minnhom 0,2 % skont il-massa ta' taħsir imxarrab;

(3) tbajja esterni pereżempju tuberi sfurmati jew li għandhom xi ħsara; 3,0 % skont il-massa;

(4) l-iskabbja komuni li taffettwa t-tuberi fuq aktar minn terz tal-wiċċ tagħhom: 5,0 % skont il-massa;

(5) tuberi imkemmxa minħabba deidratazzjoni eċċessiva jew id-deidratazzjoni kkawżata minn skabbja tal-fidda: 1,0 % skont il-massa;

(6) RNQPs, jew sintomi kkawżati minn RNQPs, fuq lottijiet ta' patata taż-żerriegħa:

RNQPs jew sintomi kkawżati minn RNQPs	Limitu stabbilit tal-preżenza tal-RNQPs fuq patata taż-żerriegħa bażika skont il-massa	Limitu stabbilit tal-preżenza tal-RNQPs fuq patata taż-żerriegħa ċċertifikata skont il-massa
Candidatus Liberibacter *solanacearum* Liefting *et al.*	0 %	0 %
Ditylenchus destructor Thorne [DITYDE]	0 %	0 %
Skabbja sewda tat-tuberi fuq aktar minn 10 % tal-wiċċ tagħhom ikkawżata minn *Thanatephorus cucumeris* (A.B. Frank) Donk [RHIZSO]	5,0 %	5,0 %
Skabbja f'forma ta' trab tat-tuberi fuq aktar minn 10 % tal-wiċċ tagħhom ikkawżata minn *Spongospora subterranea* (Wallr.) Lagerh. [SPONSU]	3,0 %	3,0 %

(7) tolleranza totali għall-partiti 2 sa 6: 6,0 % skont il-massa għall-patata taż-żerriegħa bażika, u 8,0 % skont il-massa għall-patata taż-żerriegħa ċċertifikata.'

ANNESS VIII

Emenda għad-Direttiva 2002/57/KE

Id-Direttiva 2002/57/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Anness I, il-punt 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'4. L-uċuħ tar-raba' għandhom ikun prattikament ħielsa minn kull organiżmu ta' ħsara li jnaqqas l-utilità u l-kwalità tal-materjal tal-propagazzjoni. L-uċuħ tar-raba' għandhom jikkonformaw ukoll mar-rekwiżiti li jikkonċernaw il-pesti ta' kwarantina fl-Unjoni, il-pesti ta' kwarantina f'żona protetta u l-pesti rregolati mhux ta' kwarantina ("RNQPs") previsti fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/2031 (*), kif ukoll mal-miżuri adottati skont l-Artikolu 30(1) ta' dak ir-Regolament.';

Il-preżenza tal-RNQPs fuq l-uċuħ tar-raba' għandha tkun konformi mar-rekwiżiti li ġejjin kif stabbilit fit-tabella:

Fungi u oomiċeti

RNQPs jew sintomi kkawżati mill-RNQPs	Pjanti għat-tħawwil (ġeneru jew speċi)	Limiti stabbiliti għall-produzzjoni taż-żerriegħa prebażika	Limiti stabbiliti għall-produzzjoni taż-żerriegħa bażika	Limiti stabbiliti għall-produzzjoni taż-żerriegħa ċċertifikata
Plasmopara halstedii (Farlow) Berlese & de Toni [PLASHA]	*Helianthus annuus* L.	0 %	0 %	0 %

(*) Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4)."

(2) Fl-Anness II, il-punt 5 tat-Taqsima I huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Iż-żerriegħa għandha tkun prattikament ħielsa minn kull organiżmu ta' ħsara li jnaqqas l-utilità u l-kwalità tal-materjal tal-propagazzjoni.

Iż-żerriegħa għandha tikkonforma wkoll mar-rekwiżiti li jikkonċernaw il-pesti ta' kwarantina fl-Unjoni, il-pesti ta' kwarantina f'żona protetta u l-RNQPs previsti fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/2031, kif ukoll mal-miżuri adottati skont l-Artikolu 30(1) ta' dak ir-Regolament.

Il-preżenza tal-RNQPs fuq iż-żrieragħ u fuq il-kategoriji rispettivi għandha tkun konformi mar-rekwiżiti li ġejjin kif stabbilit fit-tabella:

Fungi u oomiċeti

RNQPs jew sintomi kkawżati mill-RNQPs	Pjanti għat-tħawwil (ġeneru jew speċi)	Limiti stabbiliti għaż-żerriegħa prebażika	Limiti stabbiliti għaż-żerriegħa bażika	Limiti stabbiliti għaż-żerriegħa ċċertifikata
Alternaria linicola Groves & Skolko [ALTELI]	*Linum usitatissimum* L.	5 % 5 % milquta minn *Alternaria linicola*, *Boeremia exigua* var. *linicola*, *Colletotrichium lini* u *Fusarium* spp	5 % 5 % milquta minn *Alternaria linicola*, *Boeremia exigua* var. *linicola*, *Colletotrichium lini* u *Fusarium* spp	5 % 5 % milquta minn *Alternaria linicola*, *Boeremia exigua* var. *linicola*, *Colletotrichium lini* u *Fusarium* spp

Fungi u oomiċeti

RNQPs jew sintomi kkawżati mill-RNQPs	Pjanti għat-tħawwil (ġeneru jew speċi)	Limiti stabbiliti għaż-żerriegħa prebażika	Limiti stabbiliti għaż-żerriegħa bażika	Limiti stabbiliti għaż-żerriegħa ċċertifikata
Boeremia exigua var. *linicola* (Naumov & Vassiljevsky) Aveskamp, Gruyter & Verkley [PHOMEL]	*Linum usitatissimum* L. - kittien	1 % 5 % milquta minn *Alternaria linicola, Boeremia exigua* var. *linicola, Colletotrichium lini* u *Fusarium* spp	1 % 5 % milquta minn *Alternaria linicola, Boeremia exigua* var. *linicola, Colletotrichium lini* u *Fusarium* spp	1 % 5 % milquta minn *Alternaria linicola, Boeremia exigua* var. *linicola, Colletotrichium lini* u *Fusarium* spp
